MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2012

Numru. 322/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**PAUL D'AMATO ta' 51 sena, iben Lewis u Mary nee' Griscti, imwieled Zurrieq nhar is-27 ta' Lulju, 1960, residenti fil-fond 'Casa D'Amato', Triq il-Velleran, Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 516060M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Paul D'Amato** li gie akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer f'xi perjodu bejn il-5 ta' Lulju, 2006 u t-22 ta' Dicembru, 2006, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u

pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe' log book ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni BJG414 u liema dokument igib in-numru D/405279;

U aktar talli nhar it-22 ta' Dicembru, 2006, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fil-paragrafu ta' qabel, u cioe' log book ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni BJG414, u liema dokument igib in-numru D/405279;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe' log book ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni BJG414 u liema dokument igib in-numru D/405279;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe' log book ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni BJG414, u liema dokument igib in-numru D/405279;

U aktar talli b'hekk sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 7 ta' Novembru, 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat li fl-interrogatorju wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll il-kunsens ta' l-imputat ghall-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi kollha prodotti.

Rat ukoll li fil-mori ta’ dawn il-proceduri, appena giet ezebita r-relazzjoni ta’ l-espert tal-kaligrafija Joseph Gaffiero - Dok JG1 a folio 106, l-imputat ghazel illi jirregistra ammissjoni, li zamm ferm.

Semghet ukoll lill-mart l-imputat (illum minnu separata), mitluba in difesa, anke in kwantu l-parte leza, Sylvana D’Amato, li xehdet illi hi riedet tahfer lill-imputat.

In vista’ ta’ l-ammissjoni registrata, din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 183, 184, 188, 189, 49, 50 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tqis illi m’ghandux ibaghti piena karcerarja, u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------